**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Revoka Nru: 115/2016 AF**

**Franco Borg f'ismu u in rapprezentanza ta' Omnitrade Food and Beverage Supplies u kif ukoll Pamela Alamango**

**vs**

**Carmelo sive Charles Foca u Frank Cachia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmelo *sive* Charles Foca li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-garaxx internament immarkat bin-numru sitta (6) formanti parti minn blokk ta' appartamenti u garage bla numru ufficjali u jgib l-isem "Dreams Court", fi Triq is-Sibi, Kalkara jista' jikkostitwixxi garanzija xierqa ghall-pretensjonijiet tal-atturi.

2. Preliminarjament, tordna lill-atturi, sabiex fi zmien qasir u perentorju moghti minnha, jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att illi bih tigi moghtija ipoteka specjali mill-kumpannija Dreams Property Limited (C-34604) a favur tal-atturi

(jekk thoss il-htiega, billi tahtar Nutar hija u tiffissa data ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv) u sabiex jipprezentaw fl-atti ta' dan ir-rikors kopja legali tal-att ippubblikat, b'dana izda illi torbot lill-atturi sabiex kemm-il darba b'sentenza mghoddija in gudikat jigi deciz illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti lill-atturi, jersqu fl-istess zmien moghti hawnhekk ghall-pubblikazzjoni tal-att li bih tigi kancellata l-ipoteka specjali hekk moghtija.

3. Galadarba l-partijiet jottemporaw ruhhom mal-ordni skond it-tieni talba, tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1218/14 fl-ismijiet premessi, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fin-nuqqas illi l-atturi jottemporaw ruhhom mal-ordni skond it-tieni talba, tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1218/14 fl-ismijiet premessi, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(c), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Franco Borg f'ismu u in rapprezentanza ta' Omnitrade Food and Beverage Supplies u Pamela Alamango li ghar-ragunijiet imfissra, sostnew li t-talba ghandha tigi michuda.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ghandu jigi enfasizzat illi, f'dan l-istadju tal-proceduri pendenti bejn il-partijiet fir-rigward ta' din il-vertenza, din il-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-jedd ta' kreditur li jiprova jikkawtela l-kreditu tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi, b'dana però li d-debitur m'ghandu qatt jigi mghakkes inutilment, minkejja li, kif inhu ben maghruf, kull mandat iwegga' lill-parti sokkombenti.

Dan premess, fil-kaz odjern, id-debitur qieghed joffri, bhala garanzija alternattiva ghas-sekwstru, ipoteka specjali fuq proprjetà immobbli ta' terza persuna, u cioè socjetà li taghha l-istess debitur jokkupa l-kariga ta' direttur u li wriet ruhha disposta hekk torbot il-proprjetà taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-offerta ma tistax titqies sodisfacenti u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett, il-Qorti tinnota li ma gew prezentati ebda ricerki dwar il-proprjetà innifisha u s-socjetà proprjetarja. Fic-cirkostanzi m'huwiex maghruf jekk jezistux privileggi jew ipoteki li jippregradwaw.

Kif kellha okkazjoni ssostni diversi drabi din il-Qorti kif presjeduta, ipoteka specjali ma tistax titqies garanzija tal-istess livell ta' sekwestru ghaliex, meta u jekk il-kreditur jasal biex isarraf il-jeddijiet tieghu, huwa jkun irid jghaddi mill-proceduri ta' subbasta, spendjuzi f'hin u finanzi sabiex jasal biex jithallas. Inoltre, kif ben risaput, il-prezz f'subbasta mhux dejjem jilhaq il-valur li tkun giet moghtija l-proprjetà fl-evalwazzjoni.

Ghar-rigward tal-allegazzjoni li l-ammont stabbilit fil-mandat huwa vessatorju, din il-Qorti tinnota li ma jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li din l-allegazzjoni tregi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors ta' Carmelo *sive* Chares Foca.

L-ispejjez jithallsu minn Carmelo *sive* Charles Foca.

IMHALLEF